Il-Kummissjoni tqajjem aggravju uniku, li skont dan il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li kienet teżisti rabta stretta bejn il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u s-sistema lingwistika ddefinita fl-avviż ta' kompetizzjoni u, għaldaqstant, billi għalhekk ammettiet li l-motiv ibbażat fuq l-illegalità ta' din is-sistema lingwistika kien ammissibbli.

L-aggravju uniku huwa maqsum fi tliet partijiet:

(1) L-ewwel, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, billi ddeduċiet mill-marka miksuba mir-rikorrenti għall-kompetenza ġenerali "Komunikazzjoni" rabta stretta bejn is-sistema lingwistika tal-kompetizzjoni inkwistjoni u l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

(2) It-tieni, fil-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti, billi ammettiet ir-rabta stretta fuq il-bażi tal-fatt li huwa iktar diffiċli għal kandidat li jipparteċipa f'eżamijiet fil-Lingwa 2 tiegħu milli fil-lingwa materna tiegħu. Minbarra dan il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi billi ma kkunsidratx il-fatt li, f'dan il-każ, iż-żewġ lingwi l-oħra li r-rikorrenti kellha l-aħjar għarfien tagħhom kienu l-Ingliż u l-Franċiż. Il-limitazzjoni tal-għażla tal-Lingwa 2 għall-Ingliż, għall-Franċiż u għall-Ġermaniż għalhekk ma setgħetx tikkawżalha żvantaġġ.

(3) It-tielet u, fl-aħħar nett, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat ikkwalifikat il-fatti billi bbażat ir-rabta stretta wkoll fuq il-fatt li r-rikorrenti kellha tagħmel l-eżami bil-miktub b'konfigurazzjoni tat-tastiera differenti mill-QWERTY-PT li hija kienet normalment tuża. Fl-ewwel lok, dan ma għandux rabta mal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fit-tieni lok, anki jekk l-EPSO għamel disponibbli biss għażla limitata ta' konfigurazzjonijiet ta' tastiera (AZERTY, QWERTY-EN, QWERTZ-DE), din hija kwistjoni differenti mis-sistema lingwistika tal-kompetizzjoni.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Mainz (il-Ġermanja) fil-31 ta' Awwissu 2021 – ID vs Stadt Mainz

**(Kawża C-544/21)**

(2022/C 2/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Mainz

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* ID

*Konvenut:* Stadt Mainz

### Domandi preliminari

1) Mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mill-Artikolu 4(3) [TUE], mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u mill-Artikolu 260(1) TFUE jirriżulta li l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'servizzi'") għandu effett dirett fi proċedura ġudizzjarja fis-seħħ bejn individwi, fis-sens li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għal din id-direttiva, li jinsabu fl-Artikolu 4 tal-Verordnung über die Honorare für Architekten – und Ingenieurleistungen (ir-Regolament dwar l-Onorarji Dovuti għas-Servizzi ta' Periti u ta' Inġiniera) tal-1996, fil-verżjoni tiegħu tal-2002 (iktar 'il quddiem l-"HOAI 2002") li skont dawn l-ammonti ta' onorarji minimi stabbiliti f'din l-iskala għas-servizzi ta' ppjanar u ta' sorveljanza tal-periti u tal-inġiniera huma vinkolanti – minbarra fil-każ ta' ċerti eċċezzjonijiet – u fejn ftehim dwar l-onorarji inferjuri għall-ammonti minimi fil-kuntratti ma' periti jew inġiniera huwa invalidu, ma għandhomx jiġu iktar applikati, anki meta d-drittijiet inkwistjoni jirriżultaw minn kuntratt ta' perit li kien ġie konkluż fl-2004, jiġifieri qabel l-adozzjoni tad-Direttiva "servizzi"?

2) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta fin-negattiv:

a) L-Artikolu 49 TFUE (ex Artikolu 43 KE) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4 tal-HOAI 2002, li skont din l-ammonti ta' onorarji minimi stabbiliti f'din l-iskala għas-servizzi ta' ppjanar u ta' sorveljanza tal-periti u tal-inġiniera huma vinkolanti – minbarra fil-każ ta' ċerti eċċezzjonijiet – u fejn ftehim dwar l-onorarji inferjuri għall-ammonti minimi fil-kuntratti ma' periti jew inġiniera huwa invalidu, jiġifieri fis-sens li tali dispożizzjoni nazzjonali tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 49 TFUE (ex Artikolu 43 KE)?

b) Jekk id-domanda preċedenti teħtieġ risposta fl-affermattiv: minn dan il-ksur jirriżulta li, fi proċedura ġudizzjarja fis-seħħ bejn individwi, id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ammonti minimi vinkolanti (f'dan il-każ, l-Artikolu 4 tal-HOAI 2002) ma għandhomx iktar jiġu applikati?

---

([1]) ĠU 2006, L 376, p. 36.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fis-7 ta' Settembru 2021 – FT vs Land Hessen**

**(Kawża C-552/21)**

(2022/C 2/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FT

*Konvenut:* Land Hessen

*Intervenjent:* SCHUFA Holding AG

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ([1]), moqri flimkien mal-Artikolu 78(1) tiegħu, għandu jinftiehem fis-sens li l-konklużjoni tal-awtorità superviżorja kkomunikata minn din l-awtorità lis-suġġett tad-data

a) għandha n-natura ta' teħid ta' deċiżjoni dwar petizzjoni, bil-konsegwenza li l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fir-rigward ta' deċiżjoni dwar ilment adottata minn awtorità superviżorja taħt l-Artikolu 78(1) ta' dan ir-regolament ikun bħala prinċipju limitat għall-kwistjonijiet ta' jekk din l-awtorità ttrattatx l-ilment, jekk investigatx b'mod adegwat dwar is-suġġett tiegħu u jekk informatx lil-lanjant bil-konklużjoni tal-eżami

jew

b) għandha tinftiehem bħala deċiżjoni dwar il-mertu adottata minn awtorità, bil-konsegwenza li, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fir-rigward ta' deċiżjoni dwar ilment adottata minn awtorità superviżorja taħt l-Artikolu 78(1) tal-imsemmi regolament, id-deċiżjoni dwar il-mertu għandha tkun is-suġġett ta' stħarriġ sħiħ mill-qorti, f'sitwazzjoni fejn huwa magħruf li, f'każijiet partikolari, pereżempju fil-każ li titneħħa s-setgħa diskrezzjonali, il-qorti tista' anki tobbliga lill-awtorità superviżorja tieħu miżura konkreta fis-sens tal-Artikolu 58 tal-istess regolament?

2) Iż-żamma ta' data minn kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali, żamma li fil-kuntest tagħha data personali li toriġina minn reġistru pubbliku bħalma huma d-"databases nazzjonali" fis-sens tal-Artikolu 79(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza ([2]) ma tinżammx fl-okkażjoni ta' każ konkret iżda sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni fil-każ li tintalab, hija kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?